MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2009

Numru 54/2001

PULIZIJA
SPETTUR ABRAHAM ZAMMIT
VS
PAUL PULIS

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Paul Pulis, ta' 57 sena, iben Nicholas u Giorgia nee' Borg, imwieled Siggiewi fit-30 ta' Settembru 1943, residenti Neibel 36, Iris Street, Santa Lucia u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 699743(M).

Illi huwa akkuzat talli bejn it-28 ta' Novembru 1998 u fis-sentejn ta' qabel fil-fond, 'Neibel' 36, Iris Street, Santa Lucija, bhala detentur ta' l-imsemmi fond jew bhala persuna li ghandu f'idejh l-imsemmi fond b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Ikkommetta serq ta’ kurrenti ta’ l-elettriku li jammonta ghal izjed minn Lm50 u anqas minn Lm1000 ghad-dannu tal-korporazzjoni EneMalta liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur;
2) Ghamel hsara jew kiser parti minn *meter* ta’ l-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumni uzati fil-provvista ta’ l-elettriku jew is-sigilli taghhom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali a fol.12 u dak ta’ l-imputat a fol.6 sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Spettur Emmanuel Camilleri (a fol.9) xhed illi fid-data indikata fl-akkuza l-impjegati ta’ l-EneMalta kienu ghamlu rapport illi in segwitu ta’ l-inspezzjoni fuq fond 36 Neibel, Iris Street, Santa Lucija, kienu sabu l-*meter* tad-dawl imbaghbas u ghalhekk issejhet inkjesta Magisterjali.

Mix-xhieda ta’ Joseph Zammit, impjegat ta’ l-EneMalta Corporation, jirrizulta illi huma kienu ghamlu inspezzjoni fuq talba ta’ l-imputat stess sabiex jinbidel il-*meter* minhabba illi kien inharaq. Illi huma ghamlu din l-inspezzjoni u sabu xi regolaritajiet fil-*meter.*

Domnic Zammit (a fol.20 et seq.) jghid li dawn l-irregolaritajiet jinkludu l-fatt illi l-*cover* kien elevat, kien hemm grif fuq in-naha tax-xellug meta thares lijn il-*meter* u

li s-sigilli kienu mbaghbsa. Zammit ikkonferma x-xhieda tal-process verbal (a fol.25) u jirrizulta li Zammit kien sab brix fuq in-naha ta' gewwa tal-*meter* u tal-*cover.* Sab illi x-*shant* kien miftuh u li ghalhekk qatt ma seta' jirregistra l-konsum mill-istess *meter.* Apparti minn dan kien hemm hruq fuq il-parti ta' gewwa tal-*meter*.

Harry Buttigieg, ta' l-EneMalta, ikkonferma x-xhieda ta' Joseph Zammit. Qal (a fol.23) illi kienu sabu li l-*cover* tal-*meter* kien illevat, kellu grif mieghu u meta fethulu l-*base* sabu wkoll ix-*shant* miftuh. Ikkonferma x-xhieda tieghu wkoll fl-inkjesta (a fol.22 u 24 tal-Process Verbal). Buttigieg ikkonferma illi huma kienu ghamlu inspezzjoni fuq talba tad-detentur tal-fond minhabba illi kien inharaq il-*meter*. Ikkonferma illi kienu gew l-impjegati ta' l-Emergenza ta' l-EneMalta u kienu qalaw il-*fise* tal-*meter* u ghaldaqstant dan il-*meter* kien waqaf. Buttigieg xhed illi s-sigilli ta' dan il-*meter* kienu foloz u maghfusin catti bi *pliers* ordinarji illi fethu l-*meter* sabu brix fuq il-parti ta' gewwa u x-Shant miftuh u ghaldaqstant qatt ma seta' jigi registrat konsum.

PC 464 Frances Pullicino (a fol.27 et seq.) ikkonferma li kien akkompanja lil Harry Buttigieg u lil Joseph Zammit f'inspezzjoni fil-fond ta' l-imputat, Paul Pulis, u kkonferma l-*findings* ta' l-istess impjegati ta' l-EneMalta. A fol.28, ikkonferma x-xhieda tieghu li kien ta fl-inkjesta.

Silvio Decelis (a fol.30) ezebixxa *break-down of estimates,* ir-*record of consumption* u rapport ta' *surprise inspection* li gew ezebiti u mmarkati bhala Dok.SD1, Dok.SD2 u Dok.SD3 u ghamel stima ta' Lm143.78c ta' valur ta' luce elettrika konsumata llegalment. A fol.34, ir-*record of consumption* juri b'mod car it-tnaqqis fir-registrazzjoni ta' konsum ta' elettriku mill-perijodu ta' Frar 1995 sa Novembru 1998.

Adriana Micallef Stafrace, nominata bhala Magistrat suplenti, ezebiet ix-xhieda ta' l-Espert William Cassar Torreggiani (a fol.39 et seq.)

L-imputat, Paul Pulis, a fol.64 et seq. xhed illi d-data citata fl-akkuza, waqt illi huwa kien qieghed il-kazin, kien gie r-ragel tat-tifla tieghu li kien inqata' d-dawl id-dar tieghu. Huwa kien mar id-dar u prova s-salvavita izda d-dawl ma regax gie u ghaldaqstant kienu cemplu lil ta' l-EneMalta. Dawn kienu gew, biddlu xi *wires*. L-imputat xhed illi r-ragel tat-tifla kien ghadu kemm installa *air conditioners* fid-dawl tieghu u meta gie ta' l-EneMalta kien qallu illi s-sistema tad-dawl tieghu ma kinitx tiflah ghal dawn l-*air conditioners* u li ghalhekk inharaq l-arlogg. Ghaldaqstant kien tah isttuzzjonijiet li kellu jcempel ta' l-EneMalta sabiex ibiddlulu l-arlogg tad-dawl u hu hekk ghamel. Li fil-fatt kienu gew l-impjegati ta' l-EneMalta u dawn bdew il-hidma taghhom tal-bdil tal-*meter*s u dawn qalulu li l-*meter* kien mibrux u li kellu bzonn jghid lil Pulizija u fil-fatt gew il-Pulizija. L-impjegati ta' l-EneMalta qalu lil Pulizija li l-*meter* kien mibrux. Jinnega illi qalulu li s-sigilli kienu foloz u lanqas ma qalulu li kien hemm brix fejn id-diska jew li kellu x-*shant* mahlul. A fol.66, l-imputat, Paul Pulis, iddikjara illi huwa qatt ma mess dan il-*meter* tad-dawl. L-imputat xhed illi t-tifla tieghu u r-ragel taghha kienu gew jghixu ghandu xi tlett (3) xhur qabel ma gara dan il-kaz.

Fit-tieni xhieda tieghu, l-imputat Paul Pulis xhed illi huwa kien dejjem hallas il-kontijiet kontrollament. Ikkonferma x-xhieda illi kien ta precedentament. L-imputat xhed illi huwa ma jifhem xejn fuq luce elettrika u li x-xoghol tieghu huwa ta' *welder*. Ikkonferma illi huwa qatt ma kien biddel il-*meter* tad-dawl minn 1972. Mitlub jghid kif is-sigilli gew imbaghbsa, l-imputat ma setghax jaghti spjegazzjoni il-ghaliex ma kien jaf xejn dwaru.

In kontro ezami, Harry Buttigieg ikkonferma illi din kienet l-ewwel darba li ghamel inspezzjoni f'dan il-fond in kwistjoni u li dan il-*meter* kien hareg fin-1971. Huwa xhed illi kienu marru fuq il-post fuq rapport tad-detentur tal-fond illi ma jafx jekk qattx kien hemm rapport tieghu fuq *meter* tad-dawl fil-fond ta' l-imputat qabel id-data ndikata fl-akkuza.

Joe Zammit, in kontro ezami, xhed illi huwa kien ilu jahdem ma' l-EneMalta ghal tnax (12)-il sena. Ikkonferma illi l-*meter* tad-dawl kien mudell tan-1971 u xhed illi l-

irregolaritajiet illi huwa kien sab fuq il-*meter* ma setghux saru wahedhom. Huwa xhed illi l-imputat ma ammettix illi hu kien ghamel l-irregolaritajiet li kienu sabu fil-*meter* jew li baghbsu u li kien irraporta biss il-ghaliex kien inharaqlu l-*meter*.

In kontro ezami ta' l-Espert William Cassar Torreggiani, jirrizulta:

*"Is-sigilli kienu tac-comb u maghfusin bi tnalja ordinarja. Dawn issigillaw il-meter biex izommuh safe. Dak iz-zmien jiena ghandi informazzjoni li l-impjegati ta' l-EneMalta kienu ghalqu s-sigilli bi tnalja ornidarja. Jiena kont osservajt illi kien hemm brix fuq id-disk u x-shant kien zvitat."*

William Cassar Torreggiani, in kontro ezami, iddikjara illi t-tbaghbis fuq dan il-*meter* ma kienx jehtieg illi jsir minn *electrician*. William Cassar Torreggiani xhed li l-fatt li kien inqata' d-dawl, seta' kien kagun ta' l-*air conditioners* li kienu ghadhom kemm gew installati.

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda kollha prodotta jirrizulta ampjament illi kien l-istess imputat illi talab lill-Ufficjali ta' l-EneMalta sabiex jaghmlu l-inspezzjoni tal-*meter* tieghu il-ghaliex irraporta illi kien inharaqlu. Illi meta gew l-Ufficjali ta' l-EneMalta u saret l-inspezzjoni, sabu diversi irregolaritajiet f'dan il-*meter*. Illi pero' meta wiehed jezamina x-xhieda ta' l-Ufficjali ta' l-EneMalta u dak illi jghidu dwar is-sigilli, wiehed mill-ewwel jinduna illi hemm dubju serju, anzi anke probabilita' ampja illi kienu l-istess Ufficjali ta' l-EneMalta illi meta bidlu l-*meter* ghafsu s-sigilli bi *pliers* ordinarji. Illi minkejja dana kollu jibqa' l-fatt kardinali illi dan il-*meter* instab bi brix fuq id-diska u bix-*shant* tieghu maqtugh, b'tali mod illi ma kienx qed jirregistra konsum.

Meta l-Qorti gharblet ix-xhieda ta' l-imputat u b'mod specjali l-manjiera illi biha esprima ruhu l-imputat illi ghandu fuq is-sittin (60) sena, b'fedina penali nadifa netta,

kienet impressjonata bic-cahda kategorika tieghu ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. Il-Qorti fehmet ukoll it-taqbida ta’ l-imputat li jikxef min fil-fatt seta’ kien responsabbli ghad-dbaghbis fil-*meter* tad-dawl tal-fond tieghu. Dan ghamilha b’mod velat meta stqarr illi f’dak iz-zmien kienet twettqet serqa fir-residenza tieghu u li sahansitra beda jiddubita u jissusspetta minn membri tal-familja tieghu stess. L-imputat jghid illi dak iz-zmien it-tifla tieghu u zewgha kienu ghamlu perijodu jghixu mieghu. Jidher ukoll illi differenzi sostanzjali fil-konsum ta’ l-elettriku kien f’dan il-perijodu. Il-Qorti rat ukoll illi l-imputat, li ghandu sittin (60) sena, ghandu fedina penali nadifa u ghalhekk huwa difficli li wiehed jimmagina li l-imputat ser jinizja fit-triq ta’ kriminalita’ fl-ahhar parti ta’ hajtu.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ma tarax illi ghandha alternattiva ghajr li ssib lill-imputat mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------